# Beati u Qaddisin....Novembru

## SANTA MARGERITA, REGINA TA' L-ISKOZJA

## 16 ta' Novembru.



Margerita kienet principessa ingliza, imwielda gewwa l-Ungerja u kellha parentela ma an Stiefnu ta' l-Ungerija. Ommha hadet lil bintha Margerita lejn l-Iskozja biex tahrab mir-re li hatfilhom lil arthom.

Il-vapur li fuqu kienu ghereq fuq il-kosta skocciza u r-re Malcolm laqaghhom ghandu. Billi ra lil Margerita kienet tfajla grazzjuza huwa talaha tizzewgu u miz-zwieg taghhon kellhom tmint itfal, sitt subien u zewgt ibniet. Kienu hobbuhom hafna u jghallmuhom ihobbu lil Alla li minghandu gejja kull barka u sliem.

Margerita biddlet lil zewgha u lilpajjiz ghal ahjar. Mhux ghax zewgha kien xi bniedem hazin, anzi kien twajjeb, izda kemm hu kif ukoll il-

qorti tieghu kienu nies ta'manjieri goffi. Meta ra li martu xtaqitlu kull gid hu sema' minnha u mill-pariri siewa li kienet taghtih.

Tghallem jikkontrolla t-temperament nervuz tieghu u beda jipprattika l-virtu' nsara.  Anke n-nies ta' madwarhom hadu ezempju tajjeb u biddlu l-attegjament taghhom. Kemm ir-re kif ukoll ir-regina kienu ta' ezempji tajba ta' kif kienu jitolbu fil-pubbliku u kif kienu jittrataw lil xulxin. Kienu jaghmlu kull ma jistghu biex hajjithom tkun imfassla fuq l-ezempju ta' Kristu.  Lill- fqar u lil kull min kien nieqes minn xi haga kienu jipprovdulhom il-htigijiet taghhom.

Margerita kien barka ghall-poplu kollu skocciz. Hafna kienu mahkuma mill-vizzju li kien beghedhom minn Alla, izda grazzi ghall-hidma ta' Margerita, hija sabitilhom ghalliema tajba biex jghinuhom jikkoregu t-toroq hziena taghhom.

Ir-re flimkien maghha bena' knejjes godda.  Hi zejnithom sabih billi kienet temmen li l-knisja hi d-dar ta' Alla.  Sahnasitra hija kienet tirrakma xi whud mill-ilbiesi liturgici tas-sacerdot.

Tnejn minn uliedha saru qaddisin; it-tifel iz-zghir sar qaddis u wahda mill-bniet giet dikjarat qaddisa wkoll, San David u Santa Maud rispettivament. Minkejja li kienet regina Margerita kellha t-tribulazzjonijiet taghha. Kienet marida, u gheliet ferm meta waslitilha l-ahbar li binha Edward u Malcolm ir-ragel taghha sfaw maqtula fil-battalja. Huma mietu erbat ijiem biss qabel ma Margerita halliet din id-dinja. Hija mietet f'Novembru 16, tas-sena 1093